MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-20 ta' Gunju, 2005

Numru 176/2003

**Il-Pulizija**
**Spettur Stephen J. Gatt**
**V**

**REGINALD CINI**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **REGINALD CINI** ta' tnejn u tletin sena bin Reginald u Lucia nee Azzopardi, imwieled Pieta nhar t-tnejn u ghoxrin ta' Ottubru 1970 u residenti R1, Triq l-Assedju l-Kbir, il-Belt Valletta kif wkoll 13, 'Notre Dame', Triq Depiro Gourigion, Hal Lija, detentur tal-karta tal-identita numru 27071M gie mressaq quddiemha akkuzat talli fis-sighat bikrin tal-hmistax ta' Frar 2003, f'dawn il-Gzejjer b'diversi atti maghmulin wkoll jekk fi zminijiet differenti li jkunu jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li jkunu gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:

1. Fil-Floriana, voluntarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg Stephen Chircop, mobbli jew immobbli billi ghamel hsara fuq vettura tal-ghamla Citroen bin-numru ta' registrazzjoni STV 311, liema hsara ma tiskorrix l-hames mitt lira maltin izda izjed minn hamsin lira maltin ghad-dannu tal-istess Stephen Chircop;

2. Talli gewwa San Giljan, u fil-Floriana, fl-istess jum u cirkostanzi, ikkaguna offiza ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Stephen Chircop kif iccertifikat Doctor Moira Grech MD;

3. Talli fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi, hebb kontra l-persuna ta' Stephen Chircop sabiex jingurjah, idejqu jew jghamillu hsara;

4. Talli fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi, bil-lejl kiser il-mistrieh tan-nies bi hsejjes jew ghajjat jew b'mod iehor;

5. Talli fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi, ghamel lil Stephen Chircop ingurji jew theddid jew jekk kien ipprovokat, ingurja b'mod li hareg barra mill-limiti tal-provokazzjoni.

Il-Qorti giet mitluba sabiex meta jidrilha xieraq, biex tipprovdi ghas-sigurta ta' Stephen Chircop u l-familjari tieghu jew sabiex jinzamm l-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli ghar-rest, torbot lil hati b'obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta' somma flus li tigi ffissata mill,-Qiorti.

Semghet il-provi prodotta mill-Prosekuzzjoni.

Ikkunsidrat:

Illi l-Qorti ezaminat bir-reqqa kollha il-verbal taghha tas-seduta tal-ghoxrin ta' Gunju 2005, u appuntu dak li vverbalizza Dottor Paul Pullicino ghan-nom tal-patrocinat tieghu l-kwerelant Stephen Chircop. Dottor Paul Pullicino ddikajra li Stephen Chircop jigi hu l-mara tal-imputat u

talab ghalhekk ai termini tal-artikolu 633(f) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, li ma jixhidtx f'dawn il-proceduri u li x-xhieda li effettivament kien ta m'ghandhix tapplika f'dan l-kaz minhabba li x-xhud huwa mhallat bi zwieg mal-imputat.

Il-Qorti rat s-sub inciz (2) tal-artikolu 633 tal-Kap 9 u wara li rat c-cirkostanzi partikolari tal-kaz u cioe li llum s-sitwazzjoni familjari bejn l-imputat u l-familja Chircop tranggat fis-sens li m'ghadx hemm kwistjonijiet bejniethom, il-Qorti laqghet t-talba ta' Stephen Chircop.

Semghet wkoll lil istess Dottor Paul Pullicino jghid li l-patrocinat tieghu kien gia rrinunzja ghal azzjoni kriminali fil-konfront tal-imputat u li m'ghandux aktar pretenzjonijiet kontra l-imputat odjern.

Illi ghalhekk, in vista ta' dan il-verbal u wara li rat l-artikoli tal-ligi **partikolarment l-artikolu 325(b), 221, 338(dd), 339(1)(d), u 339(1)(e) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddikjara li ma ssibx lil imputat REGINALD CINI hati tal-ewwel akkuza u tilliberah minnha fuq nuqqas ta' provi, u tiddikjara li qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni [2], t-tielet [3] u l-hames [5] akkuza stante rinunzja da parti ta' Stephen Chircop u tiddikjara wkoll li ssib lil imputat hati tar-raba [4] akkuza u tikkundannah ghal amenda ta' ghoxrin lira maltin.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------